MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 13/2013/1

**Jonathan Attard**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell interpost mill-intimati minn sentenza moghtija fl-1 ta' April 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet tar-rikorrenti f'dawn it-termini:

> "i. Tiddikjara li d-dritt tar-rikorrent skond l-Artikolu 5(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja qieghed jigi miksur bl-ordni li jrid jiddepozita somma flus fir-Registru tal-Qorti.
>
> "ii. Tordna li fl-ghoti tal-helsien mill-arrest lil Jonathan Attard titnehha l-ordni li jiddepozita somma flus fir-Registru tal-Qorti, kif ukoll l-ezekuzzjoni provizorja ta' din is-sentenza b'dan li qabel johrog mill-Facilita` Korrettiva ghandu jiddikjara lill-qorti li qieghda tisma' l-kaz l-indirizz fejn ser ikun qieghed joqghod u jirrapporta fl-ghassa tal-pulizija fil-belt jew rahal fejn ser tkun ir-residenza tieghu skond id-digriet li kien inghata mill-Qorti.
>
> "iii. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat minnufih lill-qorti li quddiemha qeghda tinstema' lkompilazzjoni.
>
> "L-intimati ghandhom jaghmlu tajjeb ghal kwalsiasi spejjez relatati ma' dawn il-proceduri gialadarba fil-fehma tal-qorti dan hu kaz fejn wara dawn is-snin kollha l-intimati ma kinux gustifikati li jibqghu joggezzjonaw li titnehha ghal kollox il-kondizzjoni li r-rikorrent jiddepozita somma flus fir-Registru tal-Qorti."

**2.** Ir-rikorrent isostni li meta baqa' mizmum taht arrest peress li ma kienx fil-pozizzjoni li jaffettwa d-depozitu ta' ghaxart elef Euro (€10,000) ordnat mill-Qorti tal-Magistrati bhala parti mill-garanzija ghall-osservanza da parti tieghu tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest preventiv, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu imharsa fl-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**3.** Isostni li, peress li m'ghandux mezzi finanzjarji adegwati sabiex jaffettwa dan id-depozitu, peress li ilu mizmum taht arrest ghal aktar minn erba' snin, u

tenut kont li, minkejja dan it-trapass taz-zmien, il-prosekuzzjoni ghadha ma ghalqitx il-provi taghha, id-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni qed jigu lezi.

**4.** Ikompli jsostni li "l-prosekuzzjoni damet zmien mhux accettabbli tressaq il-provi taghha; fil-fatt inhlew hafna u hafna seduti inutilment." Jghid li qatt ma kienet tezisti l-biza' tal-intralc tal-provi stante li hu dejjem ikkollabora mal-pulizija, *multo magis* illum meta l-prosekuzzjoni tellghet hafna mill-provi taghha. Inoltre qatt ma kien jezisti l-biza' li hu jahrab minn Malta stante li ghandu rabtiet familjari specjalment maz-zewg uliedu minuri li jghixu Malta.

**Il-Fatti**

**5.** Fl-4 ta' Novembru 2008 ir-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala ko-akkuzat, mixli b'reati taht il-Kap. 101, fosthom ir-reat ta' assocjazzjoni bi hsieb ta' traffikar tad-droga kokajina.

**6.** Fl-istess udjenza huwa kien talab il-helsien mill-arrest preventiv, izda dik il-Qorti cahdet it-talba tieghu ghall-istess ragunijiet registrati fl-oppozizzjoni tal-prosekuzzjoni, u cioe` n-natura tar-reat li bih kien jigi akkuzat ir-rikorrent, il-biza' tal-intralc tal-provi u l-kontenut tal-fedina penali tieghu. Talba ohra ghal helsien mill-arrest intalbet permezz ta' rikors fis-17 ta' Dicembru 2008, izda din giet ukoll michuda ghar-ragunijiet indikati mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu, u cioe` [1] li l-provi u x-xhieda principali fil-kumpilazzjoni kienu

ghadhom ma nstemghux, [2] il-fedina penali refrattarja tar-rikorrent li turi nuqqas ta' affidabilita` fil-karattru tar-rikorrent, [3] il-biza' reali ta' intralc tal-provi, [4] li in vista tan-natura serja tal-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent jezisti biza' kbir u reali li r-rikorrent jahrab jew jabskondi, u [5] ir-rikorrent ma kellux indirizz fiss u b'hekk ma jkunx jista' jigi notifikat sabiex izomm l-appuntament mal-Qorti u jattendi ghas-seduti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**7.** Eventwalment fis-6 ta' Marzu 2009, wara rikors iehor da parti tar-rikorrent ghal dan il-ghan, u wara li l-Qorti tal-Magistrati semghet it-trattazzjoni tal-partjiiet fuq din il-materja, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-Avukat Generali ma kienx oggezzjona ghat-talba purche` l-ghoti tal-helsien mill-arrest ikun kundizzjonat, ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet li ghall-osservanza taghhom kellu jaghmel tajjeb b'depozitu tas-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tliet mija u tletin Euro (€23,330), liema somma, wara diversi talbiet maghmula mir-rikorrent fil-mori tal-kumpilazzjoni, giet ridotta ghal hmistax-il elf Euro (€15,000), sussegwentement giet ridotta ulterjorment ghal tnax-il elf Euro (€12,000) u finalment ghal ghaxart elef Euro (€10,000).

**8.** Minkejja l-ghoti tal-helsien mill-arrest u minkejja d-diversi riduzzjonijiet fl-ammont tad-depozitu, huwa xorta wahda baqa' mizmum taht arrest minhabba nuqqas da parti tieghu li jiddepozita l-ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000).

**9.** Sadanittant il-ko-akkuzat l-iehor, ta' nazzjonalita` barranija, kien inghata l-helsien mill-arrest preventiv bil-kundizzjoni li jiddepozita bhala garanzija ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest is-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) li sussegwentement giet ridotta ghal hmistax-il elf Euro (€15,000), u ulterjorment ghal ghaxart elef Euro (€10,000) u finalment ghal tlett elef Euro (€3,000).[1]

**10.** Ir-rikorrent baqa' mizmum taht arrest peress li sostna li ma kienx fil-pozizzjoni li jiddepozita l-imsemmi ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000). Sussegwentement, wara l-ghoti tas-sentenza appellata, huwa gie rilaxxjat mill-arrest in ezekuzzjoni tal-istess.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**11.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ir-rikorrent qieghed jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali li jissemmew fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ghalkemm ghamel ukoll riferenza ghall-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, dan il-provvediment hu dikjarazzjoni u mhux provvediment li a bazi tieghu jistghu jsiru proceduri ta' din ix-xorta (ara Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi rimedju fejn ikun hemm ksur tal-Artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni.).
>
> "Jirrizulta li:-
>
> "i. Fl-4 ta' Novembru 2008 ir-rikorrent kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja flimkien ma' Zeba Moussa u gie akkuzat talli fit-2 ta' Novembru 2008 u matul il-granet ta' qabel kien:-
>
> *""associjaw irwiehom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw f'dawn il-Gzejjer*

[1] Fol.354

*medicina (kokajina), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assocjazzjoni;*

*"ittentaw jaghmlu reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajru jew gieghlu persuna ohra taghmel dak ir-reat.*

*"Gieghelu li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgha, inkella kienu taw istruzzjonijiet biex isir id-delitt."*.

"ii. Ir-rikorrent hu missier ta' zewgt itfal li kien ilu s-snin irabbli lill-uliedu bhala *single parent*.

"iii. Sal-lum ir-rikorrent ghadu jinzamm taht arrest preventiv.

"iv. Il-kompilazzjoni ghadha pendenti u ghadhom qeghdin jinstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni.

"v. Jirrizulta li b'digriet moghti fis-6 ta' Marzu 2009 ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest taht numru ta' kondizzjonijiet, fosthom li jiddepozita fir-registru tal-Qorti s-somma ta' 23,330.

"vi. Wara r-rikorrent ghamelt talbiet ohra sabiex il-qorti tnehhi l-htiega ta' depozitu minhabba li r-rikorrent m'ghandux il-mezzi sabiex ihallas id-depozitu.

"vii. B'digriet tat-23 ta' April 2009 il-qorti rriduciet l-ammont ta' depozitu ghas-somma ta' €15,000.

"viii B'digriet tat-18 ta' Gunju 2009 il-qorti rriduciet l-ammont ta' depozitu ghas-somma ta' €12,000.

"ix. B'digriet tat-2 ta' Frar 2012 il-qorti rriduciet l-ammont ta' depozitu ghas-somma ta' €10,000 wara li l-qorti ddikjarat li *"....verament Jonathan Attard ma jiddisponix mis-somma tad-depozitu mposta fuqu"*, u ziedet il-garanzija personali ghal €50,000.

"Il-qorti semghet lir-rikorrent, l-avukat Dr Gianfranco Gauci u lill-Ispettur Pierre Grech jixhdu. Rat ukoll l-atti tal-proceduri kriminali.

"Semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

"L-ilment tar-rikorrent hu limitat ghal fatt li kemm-il darba fil-kors tal-process kriminali talab li jinghata l-helsien mill-arrest minghajr il-htiega li jiddepozita somma flus fir-Registru tal-Qorti, u kull darba t-talba tieghu giet michuda.

"Dan hu kaz iehor li jkompli juri kemm hemm htiega ta' *overhaul* fil-mod kif jinstemghu kazijiet ta' din ix-xorta, fejn sfortunatament ghal raguni jew ohra jkun hemm kwantita' konsiderevoli ta' rinviji mill-ufficcju tal-Avukat Generali li jdumu ghaddejjin is-snin u fejn jista' jinghad li l-kontroll tal-qorti hu ftit li xejn.

F'dan il-kaz il-kumpilazzjoni ilha pendenti iktar minn erbgha (4) snin u skond l-Ispettur Grech il-prosekuzzjoni ghadha ma ghalqitx il-provi. Kif inhuma l-affarijiet fil-prezent, ukoll jekk ir-rikorrent ma jibqax taht arrest preventiv hu difficli hafna ghalih li jippjana l-futur tieghu u ta' wliedu peress li ghadu ma jafx ser ikun id-destin tieghu. L-ironija hi li persuna ohra li giet akkuzata fi proceduri separati u in konnessjoni ma' dan il-kaz, fil-bidu ta' din is-sena nghatat sentenza finali fil-konfront taghha[2].

"L-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi:-

> *""Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal- paragrafu (1)(c) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragjonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista' jkun taht kondizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri."*.

"Filwaqt li hu minnu li l-akkuzi li r-rikorrent qieghed jiffacca huma serji hafna, ghadu prezunt innocenti. Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Musuc vs Moldova** (42440/06)[3] dwar l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni:-

> *""The presumption is in favour of release. As established in Neumeister v. Austria (judgment of 27 June 1968, Series A no. 8, p.37, § 4), the second limb of Article 5 § 3 does not give judicial authorities a choice between either bringing an accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release pending trial.* ***Until conviction, he must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require his provisional release once his continuing detention ceases to be reasonable*** *(see McKay v. the United Kingdom [GC], no. 543/03, § 41, ECHR 2006-...)."* (enfazi tal-qorti).

"Hi gurisprudenza stabbilita li:-

> *""the amount of the bail must be "assessed principally in relation to the person concerned, his assets ... in other words to the degree of confidence that is possible that the prospect of loss of security.. in the event of his non-appearance at a trial will act as a sufficient deterrent to dispel any wish on his part to abscond" (see the Neumeister v. Austria judgment of 27 June 1968, Series A, p. 40 § 14)."* (**Iwanczuk v Poland** deciza mill-Qorti Ewropeja fil-15 ta' Frar 2002).

"Fil-kaz **Mangouras v Spanja** (12050/04)[4] il-Grand Chamber osservat:-

> *""The authorities must take as much care in fixing appropriate bail as in deciding whether or not continued detention is indispensable (see Toshev v. Bulgaria, no. 56308/00, 10 August 2006). In certain special circumstances, it may be legitimate to take into account also the extent of the losses imputed to the accused in fixing a higher level of bail. However, such cases have in general concerned offences involving fraud or the misappropriation of funds, where there is evidence to suggest that the accused may have substantial undisclosed assets (see, for example, Moussa, cited above, and Skrobol v. Poland, no. 44165/98, 13 September 2005).*

---

[2] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef M. Mallia) fil-kaz **Il-Pulizija v. Dumbaja Almani** tal-31 ta' Jannar 2013.
[3] 6 ta' Novembru 2007.
[4] 28 ta' Settembru 2010.

> *"(iii) Domestic courts must adduce sufficient arguments to justify the amount of bail fixed[5]. The seriousness of the charge not only cannot be the sole factor justifying the size of the bail; it cannot be the decisive factor (see Hristova v. Bulgaria, no. 60859/00, 7 December 2006). Nor can the danger of absconding be evaluated solely on the basis of considerations relating to the gravity of the penalty likely to be imposed. As the Court observed in the Neumeister case (27 June 1968, Series A no. 8, § 10), other factors must also be taken into account, including "the character of the person involved, his morals, his home, his occupation, his assets, his family ties and all kinds of links with the country in which he is being prosecuted". Regard should also be had to the use of other preventative measures, alone or in conjunction with bail, to reduce the risk of absconding and ensuring the accused's attendance at trial.".*"

"Ghalkemm il-qrati lokali m'humiex marbutin bis-sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg li jinghataw fil-konfront ta' pajjizi ohra, jibqa' 'l fatt li qorti lokali trid tehodhom in konsiderazzjoni.

"Wara s-smiegh tax-xhieda l-qorti m'ghandha l-ebda dubju li r-rikorrent m'huwiex f'qaghda finanzjarja li jhallas depozitu ta' flus. Ghalkemm is-somma ta' €10,000 m'hijiex xi somma tant gholja, ir-realta' tibqa' li ghal min m'ghandux mezzi finanzjarji sabiex ihallas gie mpost fuqu kondizzjoni li mpossibbli ghalih li jonora. Ir-rikorrent ilu iktar minn erbgha (4) snin detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Matul dan il-perjodu d-dhul tieghu hu limitat ghall-ammont mizeru li kull detenut jircievi, dhul zghir mix-xoghol li jaghmel, u s-somma ta' tletin (€30) fix-xahar li tatih nanntu. Flus li juza ghax-xiri ta' ftit bzonnijiet. Wara li l-qorti kellha l-opportunita' li taghmel diversi domandi lir-rikorrent, m'ghandha l-ebda dubju li qal il-verita'. Jigi rilevat ukoll li l-parti l-ohra ma pprovatx titfa' fid-dubju dak li xehed ir-rikorrent. Id-deposizzjoni tal-avukat Dr Gianfranco Gauci sservi sabiex tikkorabora li r-rikorrenti m'ghandux mezzi finanzjarji. Irrizulta wkoll kif ir-rikorrent lanqas ma jista' jirrikorri ghand terzi sabiex jaghtuh ghajnuna finanzjarja biex ikun jista' jiddepozita s-somma ta' €10,000. Hu altru milli evidenti li meta johorg mill-habs, ir-rikorrent ser johrog b'ta fuqu senduqu. Li ghandu favur tieghu hu li jidher li fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin applika ruhu u studja biex gab certu kwalifiki u jahdem. Il-qorti tittama li dan isservih bhala ghodda essenzjali sabiex ikun jista' jsib xoghol u jahdem u jaqla' l-ghixien ghalih u ghall-uliedu.

"Certament li l-fedina penali tar-rikorrent mhi xejn felici. Min-naha l-ohra l-qorti tqies rilevanti:-

> "i. Il-fatt li r-rikorrent ilu iktar minn erbgha (4) snin arrestat;
>
> "ii. Ilu li nghata l-helsien mill-arrest mis-6 ta' Marzu 2009 u baqa' arrestat ghaliex ma ghandux il-flus biex jiddepozita s-somma ordnata mill-qorti.

[5] F'dan il-kaz fid-digrieti ma jissemmix x'kienet ir-raguni li wasslet lill-qorti sabiex tibqa' tinsisti li l-imputat jiddepozita somma flus.

"iii. Il-fatt li f'Malta jghixu uliedu li kien ilu s-snin irabbi sakemm kien arrestat fil-bidu ta' Novembru 2008. Jirrizulta wkoll li kemm ilu l-habs zamm kuntatt ma' wliedu.

"iv. F'dan l-istadju ma jidhirx li jezisti xi periklu li jista' jkun hemm xi ntralc fil-provi li qeghda tressaq il-prosekuzzjoni. Mill-atti hu evidenti li erbgha (4) snin hu altru milli zmien bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi li riedet tressaq.

"v. M'ghandux ikun li filwaqt li ko-akkuzat li ghandu l-mezzi finanzjarji li jhallas id-depozitu johrog mill-Facilita' Korrettiva tal-Habs izda l-ko-akkuzat l-iehor jibqa' taht arrest preventiv ghaliex ma ghandux flus biex jiddepozita fir-Registru s-somma li ordnat il-qorti.

"vi. Id-digriet li bih ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest jipprovdi ghall-mizuri ohra ntizi biex jizguraw li jattendi ghas-seduti tal-qorti, fosthom garanzija personali ta' sebgha u erbghin elf ewro (€47,000). Kondizzjoni ohra hi li kuljum irid jirraporta l-ghassa tal-pulizija.

"vii. Tul il-perjodu li ilu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, jidher bic-car li ha interess li jkompli jitghallem. Fil-fatt f'ittra mahruga minn Joseph Vella Ko-ordinat tal-Eucation Unit u datata 8 ta' Novembru 2011, jinghad li matul is-sena ta' qabel *"Jonahtan was enrolled in several courses and completed them successfully. Such courses included: Basic Sales Techniques, Storekeeping, Food-Handling Licence B (all offered and certified by ETC) and ECDL. He also completed a correspondence course called the 'Way to Happiness' offered by the International Organisation CRIMINON which focuses on Life-skills and living a crime-free life. Besides his regular attendance for classes I can also testify towards Jonathan's enthusiasm for learning, his respect for fellow inmates and officers and his willingness to help in educational matters such as contributing to the Educational Unit Monthly Newsletter and even rolling up his sleeves to lend a hand when necessary."*.

"viii. Meta tqies li r-rikorrent ilu taht arrest preventiv ghal dawn is-snin kollha, m'hijiex tal-fehma li hemm il-htiega ta' somma flus bhala garanzija li ma jahrabx u b'hekk ikompli jidher ghall-proceduri[6].

---

[6] Fil-kaz **Kudla v. Polonja** (30210/96) deciz fis-26 ta' Ottubru 2000, il-Qorti Ewropeja osservat "*113. Again, the risk of his absconding was one of the main factors that the Regional Court took into account when determining the amount of bail required from the applicant (see paragraphs 44-47 above). That risk warranted his detention pending a decision on the value of the security (see paragraphs 49-54 above) and, apart from the reasonable suspicion that the applicant had committed the offences of fraud and forgery, was indeed the main reason why he was held in detention for the period in issue.*
*114. The Court agrees that that basis, in addition to the suspicion that the applicant had committed the criminal offences in question, could initially suffice to warrant his detention.* ***However, with the passage of time that ground inevitably became less relevant and, given that before being redetained on 4 October 1993 the applicant had already spent nearly a year in detention (see paragraphs 10-18 and 102-03 above), only very compelling reasons would persuade the Court that his further detention for two years and four months was justified under Article 5 § 3.***" (enfazi tal-qorti).

> "ix. Ghalkemm fit-twegiba l-intimati jsostnu li din il-qorti *"....m'ghandix il-mansjoni li tirrevedi ammonti ta' garanzija li l-Qorti kompetenti tkun hasset li huma mehtiega sabiex jigi assigurat li l-akkuzat jidher ghall-process."*, il-gurisprudenza turi mod iehor. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Marco Pollacco vs Kummissarju tal-Pulizija (6 ta' Ottubru 1999)**[7]. Sahansitra, llum il-gurnata hemm sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li varjaw sentenza ta' piena karcerarja.

"M'hemmx dubju li l-htiega li r-rikorrent jibqa' arrestat m'ghadux jezisti. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkordatlu l-helsien mill-arrest sa mis-6 ta' Marzu 2009.

"Fic-cirkostanzi attwali r-realta' hi li l-htiega li jiddepozita somma flus twassal sabiex m'huwiex jinghata l-helsien mill-arrest. Ta' xejn jinghata digriet ta' helsien mill-arrest meta m'huwiex possibbli ghall-imputat li jonora xi kondizzjoni.
"Meqjus dak li jinghad hawn fuq m'hemmx htiega li l-qorti tqies l-ilmenti tar-rikorrent a bazi tal-provvedimenti l-ohra tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li ghamel riferenza ghalihom fir-rikors promotur."

**<u>L-Appell</u>**

**12.** L-appellanti bbazaw l-appell taghhom fuq tliet aggravji: [1] li l-ghoti tal-liberta` provvizorju ghandu jsir abbazi ta' assjem ta' numru ta' kriterji li ghandhom kemm aspetti soggettivi kif ukoll oggettivi, [2] li d-diskrezzjoni dwar

---

[7] *"Fil-fehma ta' din il-Qorti allura, ghalkemm l-insenjament fis-sentenza Carmel Mifsud kellu jigi, sa fejn hu prudenti u xieraq, segwit, ma kien hemm xejn x'jeskludi li Qorti vestita f'gurisdizzjoni kostituzzjonali taghti provedimenti li jimpingu fuq il-gurisdizzjoni ta' xi Qorti ohra. Dan il-poter procedurali jezisti u ghandu jigi ezercitat fejn ikun jidher lil dik il-Qorti illi l-protezzjoni ta' l-individwu li d-drittijiet tieghu ikun gie provat li gew vjolati, tkun tirrikjedi li jinghata rimedju xieraq u effettiv immedjatament. Multo magis fejn si tratta ta' lezjoni tad-dritt ghall-helsien tal-persuna. Fic-cirkostanzi taht ezami, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma kien ikun hemm xejn x'josta illi tkun l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili li taghti effett ghas-sentenza taghha u li tassigura illi din tigi provizorjament esegwita. Dan ghaliex f'materja ta' talba ghall-helsien minn arrest, motivata bi ksur tad-dritt fondamentali protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, il-Qorti kellha certament il-gurisdizzjoni esklussiva 'il fuq minn kull Qorti ohra u d-decizjoni taghha u r-rimedju minnha identifikat kellu jigi rispettat, anke jekk xi Qorti ohra kellha riservi procedurali fir-rigward.*
*Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi mhux prudenti, gust u xieraq illi l-atti jigu rimessi mill-gdid lill-Qorti Kriminali biex din tiddelibera u tiddeciedi dwar il-quantum tal-plegg stabbilit mill-Prim'Awla fis-sentenza appellata. Din il-Qorti ukoll jidhrilha li dan, kif issa stabbilit, hu adegwat, tenut kont tal-provi prodotti.".*

l-iffissar tal-*quantum* tad-depozitu taqa' fid-diskrezzjoni tal-awtorita` gudizzjarja ta' kompetenza penali u mhux fil-kompetenza ta' din il-Qorti; [3] li ma kellhomx jigu allokati spejjez lill-appellanti.

*L-ewwel aggravju*

**13.** Dan hu fis-sens li fl-ghoti tal-liberta` provvizorja kellhom jittiehdu in kunsiderazzjoni kemm l-aspetti soggettivi kif ukoll dawk oggettivi, u ghalhekk is-sitwazzjoni finanzjajra tal-appellant ma kellhiex tkun l-unika kunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-kwistjoni dwar il-liberta` provvizorja. Dan johrog car, kemm mit-termini tal-Artikolu 576 tal-Kodici Kriminali kif ukoll mill-gurisprudenza.

**14.** Fil-meritu, isostnu li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li timponi depozitu ta' ghaxart elef Euro (€10,000) bhala garanzija ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet stipulati fl-ghoti tal-helsien mill-arrest kienet wahda "ben motivata" fic-cirkostanzi tal-kaz tenut kont tas-serjeta` tal-akkuzi li qed jiffaccja l-appellat, l-addebitu tar-recidivita`, il-fedina penali tieghu, kif ukoll mal-fatt li s-siehba tieghu, li kienet mieghu fil-karrozza meta sehh ir-reat u li ghebet minn mindu giet liberata mill-arrest, ghadha sal-lum ma gietx rintraccjata mill-pulizija.

**15.** Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti hadet in kunsiderazzjoni biss l-element soggettiv, meta kkonkludiet li ladarba l-appellat ikkonvinciha li

m’ghandux mezzi, allura ghandu johrog bil-liberta` provvizorja minghajr ma jiddepozita l-ebda somma.

**16.** Fl-istess aggravju l-appellanti jaghmlu referenza ghall-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li r-rikorrent kien ilu erba’ snin taht arrest preventiv, u jsostnu hekk:

> “…is-smigh tal-process huwa ragjonevoli tenut kont tal-kumplessita’ ta’ dan il-kaz u kull allegazzjoni da parti tal-appellat li l-prosekuzzjoni damet zmien mhux accettabbli tressaq il-provi taghha hija infondata, u f’kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju, id-dritt ghal smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita’ tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta’ mument minnha bhal ma qieghed jittenta jaghmel ir-rikorrent.”

**17.** Rigward l-ghoti tal-helsien mill-arrest preventiv tal-ko-akkuzat l-iehor versu depozitu ta’ tlett elef Euro (€3,000) l-appellanti jghidu li dan ma kellux l-addebitu tar-recidivita` kif ghandu l-appellat, u barra minnhekk taqa’ fid-diskrezzjoni tal-awtorita` gudizzjarja ta’ kompetenza penali li skont ic-cirkostanzi partikolari tistabbilixxi il-kundizzjonijiet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-ko-akkuzat l-iehor.

**18.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li ma jistax validament jinghad li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati fuq ir-rikorrent ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest preventiv ma kienux gustifikati, jew kienu eccessivi, u dan anke meta l-ammont tad-depozitu kien ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000), ghax meta wiehed iqis in-natura serja tal-akkuzi li jistghu jwasslu ghal piena ta’ tletin sena prigunerija u anke piena ta’ ghomor il-habs, allura r-riskju li r-rikorrent jintralja l-provi tal-prosekuzzjoni jew li jahrab minn dawn il-Gzejjer huwa gholi hafna.

**19.** Mill-banda l-ohra pero` l-Qorti tal-Magistrati rrikonoxxiet wara certu trapass taz-zmien li r-rikorrent ma kienx fil-pozizzjoni finanzjarja li jiddepozita dak l-ammont u ghalhekk irriducietu fi tliet okkazzjonijiet separati sakemm waslet ghall-ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000). Din il-Qorti taqbel mal-appellanti, kif *del resto* osservat ukoll l-ewwel Qorti, li dan l-ammont mhuwiex eccessiv tenut kont il-gravita` tal-akkuzi, izda mill-banda l-ohra m'ghandux jigi injorat il-fatt li, minkejja li ghaddew aktar minn erba' snin, il-provi tal-prosekuzzjoni ghadhom ma gewx dikjarati finalment konkluzi.

**20.** Huwa dan id-dewmien fil-procediment tal-kumpilazzjoni li ppreokkupa lill-ewwel Qorti u li wassalha ghall-konkluzjoni li z-zamma tar-rikorrent taht arrest minhabba n-nuqqas li jiddepozita l-imsemmi ammont ma kienx aktar gustifikat.

**21.** L-ewwel Qorti rrimarkat li "mill-atti hu evidenti li erba' [4] snin hu altru milli zmien bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi li riedet tressaq". L-appellanti min-naha taghhom jghidu li din l-allegazzjoni mhijiex accettabbli tenut kont tal-komplessita` tal-kaz.

**22.** Din il-Qorti wara li rat il-process kriminali tikkondividi pjenament il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti, partikolarment f'kazijiet bhal dawk in dizamina fejn persuna ilha mizmuma taht arrest ghal perjodu twil ta' zmien. Minn ezami tal-inkartament tal-kumpilazzjoni jidher car u manifest il-mod

spezzettat u tkaxkir tas-saqajn da parti tal-appellanti fil-produzzjoni tal-provi. Issa, huwa minnu li saru diversi rikorsi da parti taz-zewg imputati, l-ewwel ghal helsien mill-arrest preventiv, u sussegwentement ghar-riduzzjoni tad-depozitu impost, u saru trattazzjonijiet fuq dawn ir-rikorsi, izda fil-produzzjoni tal-provi kien hemm dilungar esagerat u mhux gustifikat li jimmilita favur it-talba tar-rikorrent ghat-tnehhija tad-depozitu impost fuqu.

**23.** Jirrizulta li wara t-18 ta' Novembru 2008 meta inghalqet il-kumpilazzjoni, sat-18 ta' Gunju 2009[8] gie nominat espert tekniku, instemghu diversi xhieda u gew prodotti diversi dokumenti. Saru wkoll diversi trattazzjonijiet dwar il-*bail*.

**24.** Sadanittant fit-28 ta' Mejju 2009 il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-uniku xhud li kien fadlilha kien l-espert tekniku.

**25.** Mit-18 ta' Gunju 2009 sal-1 ta' Settembru 2010 instemghu hames xhieda, inkluz l-espert. Sadanittant, fit-2 ta' Dicembru 2009 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx fadlilha provi aktar.

**26.** Mill-5 ta' Ottubru 2010 sat-28 ta' Settembru 2011 tressqu zewg xhieda li l-kaz kriminali kontra taghhom kien ghadu pendenti, kif ukoll xhud iehor li l-kaz tieghu kien gie konkluz u ghalhekk seta' jixhed. Fit-28 ta' Settembru 2011 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar.

---

[8] Vol.1 fol.22

**27.** Mit-28 ta' Settembru 2011 sat-28 ta' Dicembru 2012 ma sar prattikament xejn ghajr li nstema' xhud wiehed. Sadanittant kemm fl-24 ta' Novembru 2011, kif ukoll fl-20 ta' Gunju 2012 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar.

**28.** Fl-1 ta' Marzu 2013 l-appellant Avukat Generali baghat rinviju sabiex jinstemghu <u>diversi</u> xhieda hemm indikati.

**29.** Mill-premess jirrizulta car li matul il-kumpilazzjoni kien hemm *"a substantial gap in the proceedings"*[9] li matulu l-prosekuzzjoni gabet ftit li xejn provi u l-appellanti ma wrewx li kienu qed jghamlu sforz diligenti sabiex jikkonkludu l-kumpilazzjoni fi zmien ragjonevoli. Huwa dan il-fattur, ikkunsidrat fid-dawl li r-rikorrenti kien ghadu mizmum taht arrest, li wassal lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni li tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrent kontemplat fl-Artikolu 5[3][c] kien qed jigi vjolat u li tat bhala rimedju t-tnehhija tal-ordni tad-depozitu. Inoltre, ma jirrizultax li l-kaz huwa tant kompless li kien jiggustifika dak id-dewmien.

**30.** Huma relevanti ghal dan l-aggravju s-segwenti principji identifikati mill-Qorti Ewropeja:

> *"… the gravity of the charges cannot by itself serve to justify long periods of detention on remand. The suspicion against the applicant having committed serious offences could have initially warranted his detention, and the persistence of the continued detention, but after a certain lapse of time it no*

---

[9] QEDB **Vallon v. Italy**

> *longer suffices" [ECHR **Panchenko v Russia** – Appl. 45100/98, 8 February 2005, para. 99].*
>
> *"The authorities must take as much care in fiixing appropriate bail as in deciding whether or not the accused's continued detention is indespensible" [see **Mangouras**, … para.79, and cases cited in this part of the judgment]*
>
> *"The amount set for bail must be duly justified in the decision fixing bail [see **Georgieva v Bulgaria** Appl.16085/03 – 3 July 2008] and must take into account the accused's means [see **Hristova v Bulgaria** Appl. 60859/00 – 7 December 2006 para. 111] [see **Mangouras**, … para.80]."*

**31.** Fil-kaz inkwistjoni ma jirrizultax li l-ammont ta' ghaxart elef Euro (€10,000) bhala depozitu huwa wiehed irragjonevoli, tenut kont tas-serjeta` tal-akkuzi, u anke l-karattru reffrattarju tar-rikorrent kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu, minn fejn jirrizulta li hu kien li gie misjub hati ta' diversi serqiet u hruq [*arson*] u li taghhom kien wehel hames snin prigunerija effettiva, u anke piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin; u dan apparti mid-diversi reati konnessi mas-sewqan. Izda dawn il-fatturi ma jezentawx lill-iStat mid-dmir tieghu li jassigura d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal "proceduri fi zmien ragjonevoli" ghax dan id-dritt jibqa' jissussisti anke meta l-akkuzat ikun inghata l-helsien mill-arrest, *multo magis* fil-kazijiet bhal dak *de quo* fejn, minkejja l-ghoti tal-helsien, l-akkuzat baqa' mizmum taht arrest minhabba li ma setax ihallas id-depozitu impost.

**32.** Rigward l-argument tal-appellanti li d-determinazzjoni tal-ezistenza *o meno* ta' smigh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-"proceduri kollha" u mhux fir-rigward ta' mument minnhom, din il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa legalment insostenibbli fil-kazijiet bhal dawk in dizamina fejn ikun jirrizulta car li d-dritt fundamentali tal-individwu jkun qed jinkiser bid-

dewmien ingustifikat, u probabbilment ser jibqa' jinkiser. Ghandu jkun car li f'dawn il-kazijiet, il-Qorti m'ghandhiex tistenna l-gheluq tal-proceduri kollha biex tiddikjara li tezisti vjolazzjoni tad-dritt fundamentali.

**33.** Rigward ir-referenza fl-aggravju ghall-*partner* tal-appellat li l-appellanti jghidu li harbet minn Malta, jigi osservat li ma jirrizultax provat li l-appellat kellu b'xi mod x'jaqsam mal-harba tat-tfajla tieghu. *Multo magis* meta jigi kkunsidrat li l-appellat kien mizmum taht arrest preventiv u kien biss wara s-sentenza tal-ewwel Qorti li hu gie rilaxxjat.

**34.** Fl-ahharnett, il-Qorti tosserva li l-effett negattiv li l-fedina penali tal-appellat kellha fuq il-Qorti tal-Magistrati meta fasslet il-kundizzjonijiet ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest, jinsab imdghajjef sostanzjalment bl-imgieba tieghu meta kien mizmum fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, u bl-avvanz li ghamel fil-hajja edukattiva tieghu.

**35.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*It-tieni aggravju*

**36.** Dan l-aggravju huwa fis-sens illi l-iffissar tal-*quantum* tal-ammont tad-depozitu jaqa' fid-diskrezzjoni tal-awtorita` gudizzjarja ta' kompetenza penali, u din il-Qorti m'ghandhiex il-mansjoni li tirrevedi jew tannulla ammonti ta' garanzija li l-Qorti kompetenti tkun hasset li huma mehtiega sabiex jigi assigurat li l-akkuzat jidher ghall-process.

**37.** Din il-Qorti diga` kellha okkazzjoni li tosserva hekk:

> *"A careful reading of this article [5], subsection 4 makes it abundantly clear that once the Court had found that the detention of appellant is unlawful, it can order his release on bail. As far as the imposition of conditions for the granting of bail is concerned, this Court is even empowerred, should it deem it proper and in the interests of justice, to establish these conditions itself as well" [Q. Kos. 26/2010* ***Jovica Kolakovic v Avukat Generali*** *14 Frar 2011; citati b' approvazzjoni Q. Kos.* ***Richard Grech v Avukat Generali****, 28 Mejju 2010, u Q. Kos.* ***Mario Pollacco v Kummissarju tal-Pulizija****, 6 Ottubru 1999].*

**38.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*It-tielet aggravju*

**39.** Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez relatati mal-proceduri odjerni ghandhom jithallsu mill-appellanti, wara li osservat li "wara dawn is-snin kollha l-intimati ma kienux gustifikati li jibqghu joggezzjonaw li titnehha ghal kollox il-kundizzjoni li r-rikorrent jiddepozita somma flus fir-Registru tal-Qorti."

**40.** L-appellanti jghidu li mhuwiex minnu li huma ma kienux gustifikati li jibqghu joggezzjonaw ghat-tnehhija ghal kollox tal-kundizzjoni tad-depozitu. Effettivament ir-risposti taghhom ghall-imsemmija talbiet huma lkoll ben motivati u jistriehu fuq it-taghlim gurisprudenzjali.

**41.** Jghidu wkoll illi ma jirrizultax mill-atti li l-appellant kien ipprezenta rikors iehor wara d-digriet moghti fit-2 ta' Frar 2012 ghar-riduzzjoni tal-ammont, izda

fl-14 ta' Frar 2013, u cioe` ftit aktar minn sena wara l-imsemmi digriet, ghazel minflok li jintavola l-proceduri odjerni.

**42.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-appellat tikkonsisti principalment fin-nuqqas ta' diligenza da parti tal-appellanti fit-tmexxija tal-proceduri kriminali b'mod li din waslet ghall-istat li, kif jirrizulta mill-istess atti, sal-lum il-Qorti tal-Magistrati ghadha tircievi rinviji mill-appellant Avukat Generali sabiex jitkompla s-smigh tal-kumpilazzjoni, u dan wara li ghaddew aktar minn hames snin mid-data li fiha l-appellat gie mixli bl-akkuzi, liema zmien huwa karatterizzat b'perjodi twal fejn ma sarx progress fil-prosegwiment tal-kawza.

**43.** Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-ispejjez relatati mal-proceduri kostituzzjonali ghandhom jithallsu mill-appellanti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjez kollha a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------